MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 3037/2002

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Martin Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Dicembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u sebghin lira Maltija (Lm570.00), in kwantu ghas-somma ta' hames mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm548.00) prezz ta' merci lilu mibjugha u kkonsenjati, u in kwantu ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm22.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq din is-somma;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta’ Philip Magri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija u sebghin lira Maltija (Lm570.00), bl-imghaxijiet legali mit-23 ta’ Dicembru, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------